# Aspetti tat-Talb Iżlamiku

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# Aspetti tat-Talb Iżlamiku

MALIK JAMIL R. RAFIQ

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# **Aspects of Islamic Prayer**
in Maltese Language.

© Islam International Publications Ltd

Din il-kitba hija meħuda minn
*The Review of Religions*, Vol. 106, Marzu 2011.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
Tel: +356-27342401 Tel: +356-21322105
Mob: +356-79320139 Fax: +356-27322105

Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadiyya.org.mt

ISBN: 978-99957-59-23-0

Stampa: © shutterstock

بسم الله الرحمن الرحيم

**F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.**

It-talb formali jifforma parti integrali minn kull reliġjon u jista' jieħu għamliet differenti u jiġi offrut ukoll f'modi differenti. Fl-Iżlam, it-Talb għandu wkoll parti ċentrali u fundamentali għaliex jipprovdi opportunità lill-bniedem biex jiżviluppa relazzjoni personali mal-Ħallieq tiegħu. Din ir-relazzjoni sseħħ f'kuntest ta' umiltà, fejn il-bniedem, mistagħġeb bil-kwalitajiet perfetti u bla limiti ta' Alla, isib ruħu quddiem id-Divin, jitlob għall-maħfra, l-għajnuna u l-barkiet Tiegħu.

L-għamla tat-talb Iżlamiku jirrifletti dan l-ispirtu. Il-qagħdiet differenti tal-ġisem u t-talb preskritt iġagħlu lill-moħħ u lir-ruħ jiffokaw fuq Alla.

# Il-Wużu
# Ir-Riti tal-Ġisem (l-abluzzjoni)

Qabel ma Musulman jibda jqim lil Alla, dan għandu jħejji lilu nnifsu fiżikament u mentalment. Fiżikament għandu jagħmel lilu nnifsu nadif għat-Talb. Għal din ir-raġuni huwa obbligatorju għal Musulman li jagħmel

ir-riti tal-ġisem qabel ma jibda t-talb, dejjem jekk ikun hemm l-ilma. Fejn ma jkunx hemm ilma, jista' jsir rit iqsar simboliku permezz ta' trab nadif. Dan juri l-importanza tat-Talb fl-Iżlam. Il-Koran Imqaddes huwa ċar ħafna f'dan ir-rigward, u jikkonferma:

> Intom li temmnu, meta tħejju ruħkom għat-Talb, aħslu wiċċkom, u jdejkom sal-imniekeb, u għaddu jdejkom imxarrba minn fuq raskom u aħslu saqajkom sal-għekiesi. (Il-Koran Imqaddes, K.5:V.7)

Il-Qaddis Profeta[sa] għallem lid-dixxipli tiegħu kif iwettqu dawn ir-riti. Huwa fissrilna wkoll is-sinjifikat ta' *wużu*, jew l-abluzzjoni. Fit-*Tirmiżi*, *Ħadis* (diskorsi u drawwiet tal-Qaddis Profeta[sa]) minnhom tafferma li l-Qaddis Profeta[sa] stqarr li meta kredent (*believer*, fidil) jaħsel partijiet differenti minn ġismu waqt dawn ir-riti, id-dnubiet li jkunu assoċjati ma' dawk il-partijiet jitneħħew jew jitnaddfu mal-aħħar qatra tal-ilma li tinżel minn dawk il-partijiet. Jiġifieri, waqt li qed jagħmel dawn ir-riti, il-fidil irid ikun determinat sewwa li ma jwettaq l-ebda dnub b'dawk il-partijiet tal-ġisem u li jħallihom spiritwalment nodfa daqskemm ikunu fiżikament nodfa. B'dan il-mod, il-Qaddis Profeta tal-Iżlam[sa] innifsu fisser il-ħsieb wara l-abluzzjoni Iżlamika.

It-tħejjija tal-moħħ u tar-ruħ għat-Talb tibda mill-mument li tinstema' s-sejħa għat-Talb u mbagħad tkompli bit-Talb preskritt innifsu li jwassal l-attenzjoni ta' dak li jkun lejn Alla.

# L-Ażan
# Is-Sejħa għat-Talb

Qabel ma jingħadu l-ħames Talbiet tal-kongregazzjoni li jsiru kuljum, wieħed fidil iqum u jsejjaħ lin-nies għat-Talb. Filwaqt li f'reliġjonijiet oħra ntuża d-daqq tal-qniepen u t-tinfiħ tat-trumbetta biex jinforma lin-nies li wasal il-ħin tal-adorazzjoni, fl-Iżlam is-sejħa għat-Talb issir permezz tal-vuċi tal-bniedem biss.

Il-kliem tas-sejħa Iżlamika għandu għan doppju billi jinforma l-fidili bil-ħin tat-Talb u fl-istess waqt iħeġġiġhom biex jiġu għat-Talb u l-prosperità, u li jagħtuh prijorità fuq kull ħaġa oħra. Għalhekk il-kliem tas-sejħa Iżlamika għat-Talb iservi bħala inċentiv kbir għall-fidili biex jersqu lejn il-moskea. Il-kliem tas-sejħa għat-Talb (Ażan) huma:

Alla huwa l-Akbar, Alla huwa l-Akbar
Alla huwa l-Akbar, Alla huwa l-Akbar

M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla
M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla

Jiena nixhed li Muħammad huwa l-messaġġier ta' Alla
Jiena nixhed li Muħammad huwa l-messaġġier ta' Alla

Ejjew għat-talb
Ejjew għat-talb

Ersqu lejn is-suċċess
Ersqu lejn is-suċċess

Alla huwa l-Akbar
Alla huwa l-Akbar

M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla.

## Il-Ħames Talbiet ta' Kuljum

L-Iżlam jordna ħames Talbiet obbligatorji kuljum. Xi ħaġa sabiħa fl-Iżlam hija li x-Xarija (il-Liġi) sħiħa ġiet deskritta fil-Koran Imqaddes innifsu kif ukoll ġiet murija bil-fatti mill-Qaddis Profeta[sa]. Il-ħames Talbiet ta' kuljum ġew deskritti bħala barka għall-Musulmani fil-Koran Imqaddes:

> U kieku Aħna ma saħħaħnikomx permezz tal-Koran, intom kontu tinklinaw lejhom bi ftit. (K.17:V.75)

Il-frekwenza tat-Talb hija magħmula b'tali mod li tgħajjex kontinwament lir-ruħ bl-istess manjiera li l-ikel jgħajjex kontinwament lill-ġisem. Barra minn hekk, din tgħin biex wieħed jiftakar il-ħin kollu f'Alla u fil-barkiet tal-għajnuna Tiegħu fl-attivitajiet kollha tal-ħajja ta' kuljum tagħna. Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana[as] elabora fuq il-ħsieb tal-ħames ħinijiet tat-Talb:

“Dawn huma stampa tal-istati differenti tiegħek. Ħames tibdiliet huma inevitabbli fil-ħajja tiegħek meta tolqtok xi sfortuna. U dawn iridu jseħħu b’mod naturali:

(i) Dan l-ewwel stat iseħħ meta inti tiġi mgħarraf li se tiġrilek xi ħaġa ħażina, ngħidu, pereżempju, jekk tirċievi mandat mill-qorti tal-ġustizzja. Dan huwa l-ewwel stat, u fih is-serħan tal-moħħ u l-hena huma mxekkla. Dan l-istat jixbah il-ħin ta’ nżul ix-xemx, il-għaliex il-kuntentizza tiegħek tibda tonqos ukoll. Kontra dan l-istat ġiet maħluqa t-Talba ta’ *Żoħr* (waranofsinhar), li l-ħin tagħha jibda meta x-xemx tibda nieżla.

(ii) It-tieni bidla sseħħ meta inti tkun wasalt qrib sewwa tar-rovina, pereżempju, meta tkun inqbadt, kif jgħid il-mandat, u tressaqt quddiem l-imħallef. Dan hu żmien meta tinħakem mill-biża’, inti tkun tabilħaqq imwerwer u kull forma ta’ serħan il-moħħ tkun abbandunatek. Għalhekk din il-frażi tixbah il-ħin meta l-qawwa tax-xemx tkun battiet u inti tkun tista’ tħares lejha u jkun evidenti li l-inżul tagħha jkun imminenti. Kontra dan l-istat, inħolqot it-Talba ta’ *Asr* (tard waranofsinhar).

(iii) It-tielet bidla sseħħ meta inti tkun tlift kull tama li se jirnexxilek tevita diżastru, eżempju, meta l-akkuża tkun inkitbet kontra tiegħek u x-xhieda jkunu taw l-evidenza biex isostnu l-piena kapitali tiegħek. Dan hu ż-żmien meta s-sensi

tiegħek jibdew iħalluk u tibda tintebaħ li inti priġunier. Din il-kondizzjoni tixbah inżul ix-xemx. F'dan il-mument m'hemm l-ebda tama għal xi dawl tax-xemx. Kontra dan l-istat spiritwali nħolqot it-Talba ta' *Magrib* (inżul ix-xemx).

(iv) Ir-raba' bidla sseħħ meta d-diżgrazzja tkun ġrat tassew u d-dlam assolut tagħha jkun ħaddnek miegħu, eżempju, bħal meta, wara l-akkużi u l-ġuri, jitħabbar il-verdett u inti tingħata f'idejn il-pulizija biex jieħdok il-ħabs. Għaldaqstant, din il-kondizzjoni tixbah l-għabex ta' filgħaxija; imbagħad isir dlam ċappa. Kontra dan l-istat spiritwali, inħolqot it-Talba ta' *'Ixa* (billejl).

(v) Imbagħad, wara li qattajt tant żmien f'dan l-inkwiet, Alla jkollu ħniena minnek u joħorġok minn dak l-inkwiet, bħalma l-għodwa tfeġġ minn qalb id-dlam u mbagħad jidher id-dawl bil-qawwa u l-leħħa kollha tiegħu. Għalhekk, kontra dan l-istat spiritwali nħolqot it-Talba ta' *Faġr* (filgħodu).

B'hekk Alla, wara li lemaħ ħames stadji fil-karattru tiegħek, ħoloq għalik ħames Talbiet..." (Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Ruhani Khaza'in*, Vol. 19, pp. 69-70).

# Qiblah

Il-Musulmani fid-dinja kollha jitolbu f'direzzjoni waħda, lejn il-*Qiblah*, il-Kaaba Mqaddsa ġewwa Mekka. L-Iżlam huwa uniku l-għaliex f'reliġjonijiet oħra s-segwaċi f'partijiet differenti tad-dinja jaffaċċjaw lil xulxin, jew joqogħdu f'direzzjonijiet diversi, għall-adorazzjoni. Il-fatt li kulħadd idur lejn il-Kaaba waqt it-talb huwa mod ta' kif tistabbilixxi l-għaqda sħiħa qalb il-fidili, u tipprovdilhom lok ċentrali għall-kongregazzjoni – għalkemm l-attenzjoni tibqa' deċiżament fuq Alla.

# It-Talba

Soċjetajiet differenti jħaddnu modi differenti ta' kif jesprimu r-rispett u r-riverenza. Pereżempju, storikament, it-Torok kienu joqogħdu bilwieqfa bi jdejhom fuq xulxin fuq sidirhom u l-Iranjani kienu joqogħdu sempliċement bilwieqfa bi jdejhom imniżżlin 'l isfel; it-timjila tar-ras hija sinjal ta' qima fost il-Ħindu kif ukoll f'xi kulturi oħra; fl-Indja u fl-Afrika li timtedd fl-art wiċċek 'l isfel huwa sinjal ta' rispett kbir, filwaqt li fl-Ewropa n-nies jinżlu għarkupptejhom bħala sinjal ta' sottomissjoni.

Il-qima Iżlamika tinkludi dawn kif ukoll pożizzjonijiet oħra fit-Talb tagħha, b'hekk tixhed ameljorament u raffinament tal-għamliet varji ta' adorazzjoni li kienu jinsabu fir-reliġjonijiet ta' qabel.

L-att formali tat-Talb jibda meta l-fidil jgħolli jdejh mad-denduliet tal-widnejn, jew inkella jagħmilhom ma' spallejh. Dan hu sinjal ta' ċediment lil Alla. Imbagħad jitpoġġew id-dirgħajn fuq xulxin, bl-idejn fuq is-sider, u bl-id il-leminija fuq dik xellugija. Din hi turija simbolika li wieħed qed jagħżel ir-reliġjon flok l-affarijiet materjali.

Waqt li jkun bilwieqfa b'idejh marbuta l-kredent ifaħħar l-Ogħla Entità li hu jkun qiegħed jindirizza, u jgħid għadd ta' talbiet, fosthom talba eċċellenti li tinkludi s-seba' versi kollha tal-ewwel kapitlu tal-Koran Imqaddes, *Sura Fatiħa*:

F'Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin.

It-tifħir kollu għal Alla, Sid id-Dinjiet kollha,

Kollu Grazzja, il-Ħanin,

Sid Jum il-Ħaqq.

Lilek biss inqimu u lilek biss nitolbu għajnuna.

Mexxina fit-triq it-tajba.

It-triq ta' dawk li berikt bil-grazzja tiegħek, mhux ta' dawk li ġabu l-għadab tiegħek, u lanqas tal-mitlufin.

Ammen.

Wara *Sura Fatiħa*, tingħad bl-amment silta mill-Koran Imqaddes. Imbagħad il-kredent imil minn qaddu, u jqiegħed idejh fuq irkopptejh bil-qima lejn l-Aktar Entità Qaddisa, jiġifieri Alla. Il-kredent jerġa' jiddritta ruħu, din id-darba b'idejh imniżżlin ma' ġenbejh, u

jfaħħar ’l Alla. Wara dan kollu, huwa jimtedd fl-art, bi ġbinu u bi mnieħru jmissu mal-art, biex jissimbolizza l-grad għoli ta’ reverenza, umiltà u sottomissjoni lejn Alla. Fil-fatt din l-azzjoni tirrappreżenta l-ogħla punt tat-Talb. Waqt li jkun mimdud il-kredent ifaħħar ’l Alla. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal li wieħed ikun l-aktar qrib ta’ Alla meta jkun fl-art u għalhekk għandu jitlob b’ċertu entużjażmu.

Ħafna fidili, barra li jlissnu t-talba qasira preskritta – *Qaddis hu Alla, l-Għoli* – jitolbu wkoll bil-qalb kollha u jfittxu bis-serjetà l-għajnuna ta’ Alla, biex jeħilsu mid-diffikultajiet tagħhom, kemm spiritwali kif ukoll materjali. Wara dan kollu l-kredent joqgħod bilqiegħda b’saqajh fuq xulxin u hemmhekk jieħu l-ħin tiegħu biex jitlob lil Alla għal affarijiet materjali u l-elevazzjoni spiritwali. Imbagħad il-kredent jerġa’ jimtedd fl-art għat-tieni darba. F’sessjoni (*Rakah*) waħda ta’ Talb hija l-pożizzjoni tal-art li ssir darbtejn, filwaqt li l-atti l-oħra tal-qima jsiru darba biss.

Dan kollu jikkostitwixxi *Rakah* (sessjoni) waħda ta’ Talb. Żewġ, tliet jew erba’ *Rakaat* huma mistennija għal Talb differenti tul perjodu ta’ 24 siegħa.

Wara l-aħħar *Rakah*, il-kredent joqgħod bilqiegħda b’saqajh fuq xulxin. Is-sieq ix-xellugija titqiegħed ċatta mal-art filwaqt li s-sieq il-leminija tinżamm dritta ’l fuq. Impoġġija fuq is-sieq ix-xellugija, is-sieq il-leminija tibqa’ bilanċjata bis-saħħa tal-laħam ta’ quddiem taħt is-saba’ l-kbir tas-sieq bl-għarqub ’il fuq,

biex hekk is-sieq tibqa' dritta. Din il-pożizzjoni tixhed is-subordinazzjoni għall-affarijiet materjali tagħna u tagħti preferenza lill-għanijiet spiritwali.

F'din il-pożizzjoni, wieħed ifaħħar lil Alla, jitlob li jixħet il-barkiet Tiegħu fuq il-Qaddis Profeta[sa], ilissen aktar talb preskritt, imbagħad idawwar wiċċu lejn il-lemin u jgħid bl-Għarbi '*Assalamu 'Alajkum Wa Raħmatullah*' - 'Fuqkom ikun hemm il-paċi u l-ħniena ta' Alla', imbagħad idawwar wiċċu lejn ix-xellug u jgħid l-istess talba. Din it-tislima ttemm it-Talb.

Waqt il-ħin tat-Talb, mhuwiex permess li wieħed idawwar wiċċu lejn il-lemin jew ix-xellug, u lanqas li jkun hemm diskors. Wieħed ikun jinsab quddiem Alla meta jkun qed jitlob u għalhekk ikun maqtugħ mill-oħrajn. Meta tispiċċa t-Talba, il-fidil jerġa' jsib ruħu fost in-nies tad-dinja. Għalhekk isellmilhom billi jgħid *'Assalamu 'Alajkum Wa Raħmatullah'*. *Salaam* (sliem) hija waħda mill-kwalitajiet ta' Alla għalhekk meta jlissen "Salaam", il-fidil jesprimi l-fatt: 'Jien ġejt mis-*Salaam* (paċi) u ġibtilkom is-sliem.'

# PUBBLIKAZZJONIJIET OĦRA

- Alla fis-Seklu 21
- Is-Sawm
- Il-Velu fl-Iżlam
- Il-Mara fl-Iżlam
- It-Tislijiet Iżlamiċi
- L-Iżlam Reliġjon ta' Paċi
- Għaliex Nemmen Fl-Iżlam?
- Festi u Ċerimonji Musulmani
- Il-Kunċett tal-Ġustizzja fl-Iżlam
- Il-Kunċett Veru tal-Ġiħad Iżlamiku
- L-Għanijiet Prinċipali tar-Reliġjon
- Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi
- Il-Ħaġġ - il-Pellegrinaġġ lejn Mekka
- L-Iżlam, theddida jew sors għall-paċi?

- Il-Velu
- Żjara tal-Moskea
- Id-Dmirijiet ta’ Ċittadin
- Kalifat, Paċi u Ġustizzja
- It-Trobbija Xierqa tat-Tfal
- Ġiħad - il-Kunċett Veru tal-Iżlam
- Il-Prinċipji Fundamentali tal-Iżlam
- Kif iħares l-Iżlam lejn it-Terroriżmu
- M’hemm l-ebda Sfurzar fir-Reliġjon!
- Kif Nistgħu Nkunu Meħlusin Mid-Dnub
- L-Erba’ Attributi Fundamentali ta’ Alla
- Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa]
- Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ħajja wara l-Mewt
- Il-Blasfemija u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Ir-Relazzjoni bejn ir-Reliġjon u l-Politika fl-Iżlam

- Il-Koran Imqaddes
- Il-Messija Mwiegħed[as]
- Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Ġesù u Marija fil-Koran Imqaddes
- Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam
- Muħammad[sa] Dak li Llibera 'l-Mara
- FAQ - Mistoqsijiet Komuni dwar l-Iżlam
- Il-Perspettiva Iżlamika fuq il-Kriżi Globali
- Valuri Morali Universali, Politika u Paċi Dinjija
- Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari
- It-Tagħlim Iżlamiku dwar il-Lealtà lejn in-Nazzjon
- Rispett Lejn ir-Reliġjonijiet u l-Personaġġi Qaddisa
- Diskorsi Magħżula tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Il-Musulmani Jistgħu Jintegraw fis-Soċjetajiet tal-Punent?
- The Holy Prophet Muhammad[sa] in the Eyes of non-Muslim Scholars

**“Aspects of Islamic Prayer”**
by Malik Jamil R. Rafiq
in Maltese Language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759230